MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1238/2004

**Thomas Smith & Co Ltd**

**vs**

**Reno Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mija u sitta u sebghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm1176.82) rappresentanti hlas dovut kif jirrizulta minn skrittura ffirmata mill-konvenut (Dokument A), u liema hlas huwa dovut in konnessjoni ma' garr ta' merkanzija.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta'qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment ma'l-avviz, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, baqa’ ma deherx ghas-seduta quddiem it-Tribunal u lanqas ipprezenta risposta skond il-ligi.

Sema' x-xhieda ta’ Charles Mousu in rappresentanza tas-socjeta attrici li ikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut mill-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet (Dokument A).

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf mija u sitta u sebghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm1176.82), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid u ta’ sekwestru ipprezentati kontestwalment ma’l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------